IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2013
COM(2013) 690 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

IT-TISĦIĦ TAD-DIMENSJONI SOĊJALI TAL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

MT MT

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

IT-TISĦIĦ TAD-DIMENSJONI SOĊJALI TAL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

1. INTRODUZZJONI

Fit-28 ta' Novembru 2012 il-Kummissjoni Ewropea adottat pjan ta' azzjoni[1] għal unjoni ekonomika u monetarja (UEM) profonda u ġenwina, li jistabbilixxi viżjoni għal struttura b'saħħitha u stabbli għall-komponenti politiċi, fiskali u ekonomiċi tal-UEM. Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2012 appoġġa l-iżvilupp tad-dimensjoni soċjali tal-UEM, inkluż id-djalogu soċjali.

Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2013 fakkar li għandha tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali, u saħaq dwar l-importanza ta' monitoraġġ aħjar u li titqies il-qagħda soċjali u fis-suq tax-xogħol fil-UEM, l-aktar billi jintużaw indikaturi tal-impjiegi u soċjali xierqa bħala parti mill-proċess tas-"Semestru Ewropew" għal koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Dan semma wkoll il-bżonn li titjieb il-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali, filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali, u r-rwol tas-sħab soċjali u d-djalogu soċjali, fil-livell tal-UE kif ukoll nazzjonali. Anke l-Parlament Ewropew wera fehmietu dwar il-prijoritajiet li tinkiseb UEM ġenwina, b'mod partikolari billi jirrakkomanda patt soċjali għall-Ewropa.[2]

Din il-Komunikazzjoni dwar it-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali hija kontribut ulterjuri tal-Kummissjoni fid-dibattitu dwar l-approfondiment tal-UEM, meta jitqies li l-aġenda soċjali ġenerali hi kwistjoni tat-28 Stat Membru. Għandu jiġi nnutat ukoll li l-politiki tal-impjiegi u soċjali, fil-biċċa l-kbira tagħhom, huma fil-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri. Iżda l-Kummissjoni qed tipproponi għadd ta' inizjattivi biex issaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-UEM b'attenzjoni partikolari fuq tliet punti:

i. Sorveljanza msaħħa tal-isfidi tal-impjiegi u soċjali u l-koordinazzjoni tal-politika;

ii. Aktar solidarjetà u azzjoni għall-impjiegi u l-mobbiltà tax-xogħol;

iii. Tisħiħ tad-djalogu soċjali.

---

[1] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjan ta' azzjoni għal unjoni ekonomika u monetarja profonda u ġenwina. It-tnedija ta' Dibattitu Ewropew". it-28/12/2012. COM(2012) 777.

[2] Rapport fuq inizjattiva proprja tal-PE "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja ġenwina" ippreżentat fit-18/10/2012 ("Ir-Rapport Thyssen").

2. IT-TISĦIĦ TAD-DIMENSJONI SOĊJALI TAL-UEM

2.1 Id-dimensjoni soċjali ġenerali tal-istrateġija Ewropa 2020

Meta tiddefinixxi u timplimenta il-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni obbligata bit-Trattati tqis ir-rekwiżiti relatati mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi, il-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem (l-Artikolu 9 tat-TFUE).

L-adozzjoni tal-istrateġija Ewropa 2020 tixħet il-politika soċjali fil-qalba tal-istrateġija ekonomika tal-UE għall-ewwel darba. B'Ewropa 2020, l-UE stabbilixxiet miri ewlenin biex tiżdied ir-rata tal-impjiegi, jonqos l-għadd ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni, jiżdied is-sehem ta' dawk li jtemmu l-edukazzjoni terzjarja jew livell ekwivalenti u biex jispiċċa l-faqar fost mill-anqas 20 miljun persuna. Dawn jinsabu fil-qalba tal-istrateġija tagħha għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Il-miri diġà qed isawru l-politiki soċjali fl-UE. Il-politiki ewlenin adottati u l-miżuri meħuda fil-livell tal-UE qed jiġu implimentati, pereżempju l-Pakkett dwar l-Impjiegi ppreżentat f'April 2012, il-Pakkett ta' Diċembru 2012 dwar l-Impjiegi taż-Żgħażagħ, u l-Pakkett ta' Frar 2013 dwar l-Investiment Soċjali.

Meta tistabbilixxi l-prijoritajiet għal azzjoni fil-livelli nazzjonali u tal-UE fl-Istħarriġ tat-Tkabbir Annwali tagħha, il-Kummissjoni trid tiżgura li l-Istati Membri jallinjaw il-baġits u l-politiki tagħhom biex b'mod partikolari jiżguraw livelli għoljin ta' impjiegi u koeżjoni soċjali. Darba fis-sena, meta tirrevedi l-progress ekonomiku u soċjali ta' kull Stat Membru tal-UE fil-proċess tas-Semestru Ewropew u meta tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) biex tiggwida l-politiki nazzjonali, il-Kummissjoni tidentifika għadd ta' sfidi ekonomiċi u soċjali kbar għall-UE u għaż-żona ewro. Għalhekk, is-Semestru Ewropew jipprovdi l-qafas xieraq biex jiġu ggwidati u segwiti r-riformi ekonomiċi u soċjali fl-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali għen biex jiġu ggwidati r-riformi strutturali fl-oqsma tal-politiki soċjali.

Il-kriżi ħarġet fid-dieher li ċerti politiki ekonomiċi f'ċerti Stati Membri ma kinux sostenibbli, u wriet ukoll dgħjufijiet strutturali fl-ekonomija tal-Ewropa u fil-governanza fuq il-livell tal-UE. Ir-rispons għall-kriżi ffoka l-aktar fuq ir-riformi strutturali meħtieġa, speċifikament għall-Istati Membri li jirċievu assistenza finanzjarja (il-"pajjiżi tal-programm"), u aktar u aktar b'rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għal oħrajn.

Il-kriżi ekonomika għamlitha aktar diffiċli biex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020: ix-xogħol intlaqat ħażin fil-maġġoranza tal-Istati Membri u kibru d-differenzi fis-sitwazzjonijiet tal-impjiegi u soċjali fl-Istati Membri. Xi 26,6 miljun persuna sfaw qiegħda fl-UE-28 f'Lulju 2013, inklużi aktar minn 19,2 miljun fiż-żona ewro. Kważi kwart taż-żgħażagħ ekonomikament attivi fl-Ewropa huma qiegħda: 23,4 % (5,6 miljun) fl-UE-28 f'Lulju 2013 u 24 % (3,5 miljun) fiż-żona ewro. Il-faqar u l-esklużjoni soċjali ilhom jiżdiedu mill-2009, l-aktar fi Stati Membri tan-nofsinhar u l-lvant tal-Ewropa. F'xi pajjiżi, il-korrezzjoni tal-iżbilanċi kellha magħha tnaqqis fil-produzzjonijiet, żieda fil-qgħad u tnaqqis fl-introjtu disponibbli, u pajjiżi oħrajn s'issa wrew li għallinqas żammew il-kolp. Dawn tal-aħħar għandhom tendenza li jkollhom swieq tax-xogħol li jaħdmu aħjar u sistemi tas-sigurtà soċjali aktar b'saħħithom, u li qabel il-kriżi jkunu gawdew minn riforma strutturali li ħadmet sew.[3]

Barra minn hekk, il-progress sar f'kundizzjonijiet tassew ibsin. It-tisħiħ mill-ġdid tal-governanza ekonomika tal-UE u l-miżuri li ttieħdu biex jitħaffef l-aġġustament fil-livell ta'

[3] Il-Kummissjoni Ewropea, L-iżvilupp tal-Impjiegi u Soċjali fl-Ewropa fl-2012.

pajjiżi jidhru li kienu effettivi, u qed jifirxu t-triq biex jiġġeneraw u jappoġġaw l-irkupru tal-ekonomija u l-ħolqien tax-xogħol. Biex jingħelbu dawn l-isfidi li għad baqa', hu importanti li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-UEM ħalli jingħarfu aħjar il-politiki soċjali u l-iżviluppi.

2.2 Id-dimensjoni soċjali tal-UEM

Biex il-UEM jaħdem sew, l-istruttura ta' governanza tagħha trid titlesta ħalli tkun jista' tevita u issewwi d-differenzi dewwiema li jaf jheddu l-istabbiltà finanzjarja u ekonomika tal-unjoni monetarja kollha kemm hi, il-prosperità tagħna, u fl-aħħar mill-aħħar l-ekonomija soċjali tas-suq. F'unjoni monetarja hu importanti li jkunu jistgħu jsiru aġġustamenti ekonomiċi reali. Il-kriżi ħarġet fid-dieher id-diskrepanzi fil-funzjonament tal-unjoni monetarja, għalkemm ittieħdu passi ewlenin biex terġa' tissaħħaħ il-governanza ekonomika tal-UE. Kellu jitħallas prezz ekonomiku u soċjali għali ħafna, għax ħafna drabi r-riformi meħtieġa ħadu fit-tul minħabba ċ-ċirkostanzi politiċi. Riformi strutturali li jappoġġaw l-impjiegi, il-kompetittività u aktar opportunitajiet soċjoekonomiċi jaf jidħlu fis-seħħ f'perjodi ta' żmien konsiderevoli u ħafna drabi jkunu diffiċli li jitwettqu meta jonqos ir-ritmu ekonomiku, filwaqt li meta l-ekonomija tkun sejra tajjeb, dawn ma jibqgħux urġenti li jitwettqu. Madankollu, jekk ma jittiħdux il-miżuri meħtieġa, jaf jinħoloq effett konsegwenzjali negattiv u jitmermru s-sisien ekonomiċi tal-unjoni monetarja kollha kemm hi. Hu fl-interess kollettiv tal-unjoni monetarja li jkun żgurat li jitwettqu sew ir-riformi strutturali li jindirizzaw l-isfidi tal-impjiegi u soċjali, u li l-Istati Membri jeħtiġilhom jappoġġaw lil xulxin għal dan il-għan.

Il-problemi tal-qgħad u soċjali ifissru telf fl-introjtu għal parti sinifikanti tal-popolazzjoni jew għas-soċjetà kollha kemm hi. Dawn ixekklu wkoll il-kompetittività u l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji kkonċernati, għax il-kapital uman tal-lum u tal-futur ma jkunx utilizzat biżżejjed jew ma jkollux l-investiment. Anke qgħad persistenti u l-inugwaljanzi soċjali jaf idgħajfu l-appoġġ politiku u pubbliku u jaf jolqtu l-istabbiltà tal-gvernijiet u l-kapaċità tagħhom li jwettqu politiki sodi. Mingħajr azzjoni kollettiva li tiżgura li jiġu indirizzati l-isifidi tal-impjiegi u soċjali fil-ħin u b'mod effettiv, jistgħu jinħolqu differenzi li jtulu.

Id-"dimensjoni soċjali tal-UEM" għandha x'taqsam mal-kapaċità tal-mekkaniżmi ta' governanza ekonomika u l-istrumenti politiċi biex jidentifikaw, iqisu u jindirizzaw l-iżvilupp problematiku u l-isfidi relatati mal-politiki tal-impjiegi u soċjali fil-UEM. It-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali għandu jgħin lil kull Stat Membru biex ikollu l-potenzjal tat-tkabbir u l-impjiegi, itejjeb il-koeżjoni soċjali u jevita milli jiżdiedu d-differenzi, f'konformità mat-Trattati u l-istrateġija Ewropa 2020.

Hemm bżonn isir progress minn dawn il-lati:

- tissaħħaħ il-kapaċità biex jiġu sorveljati l-iżviluppi tal-impjiegi u soċjali fil-UEM ħalli jiġi kkoordinat rispons politiku f'waqtu u adegwat;
- jiġu mobilizzati azzjonijiet u finanzjamenti tal-UE biex jiġu indirizzati l-qgħad (inkluż il-qgħad fost iż-żgħażagħ) u l-miżerja soċjali b'mod effettiv u sostenibbli;
- il-passi meħuda għar-responsabbiltà u dixxiplina ekonomika jingħaqdu ma' r solidarjetà u appoġġ finanzjarju akbar;
- jonqsu l-ostakli attwali għall-mobbiltà transfruntiera tax-xogħol fl-UE;
- jissaħħaħ ir-rwol tad-djalogu soċjali biex jiġu żviluppati strateġiji għaż-żona ewro kollha u nazzjonali, b'involviment xieraq tas-sħab soċjali.

3. IT-TISĦIĦ MILL-ĠDID TAS-SORVELJANZA TAL-ISFIDI TAL-IMPJIEGI U SOĊJALI U T-TISĦIĦ TAL-KOORDINAZZJONI TAL-POLITIKA

Il-politika tal-UE bħala rispons għall-kriżi kienet tinvolvi t-tisħiħ tal-governanza ekonomika tal-UEM u s-sorveljanza multilaterali, l-aktar fiż-żona ewro. Dan sar fil-qafas tal-proċess tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 1176/2011 iddaħħal mekkaniżmu ta' sorveljanza ġdid, b'dispożizzjoni għal infurzar, maħsub biex jevita żbilanċi makroekonomiċi.

Bħalma jispjega l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni, il-UEM inbidlet iżda l-ħidma għadha mhix lesta. Għalkemm, qabelxejn l-Istati Membri huma responsabbli mis-sistemi tal-impjieg u s-sigurtà soċjali, biex tinbena UEM ġenwina b'dimensjoni soċjali jeħtieġ li jiġu żviluppati jew jissaħħu l-mekkaniżmi u l-istrumenti tal-politika tal-impjiegi u soċjali fil-qafas attwali tal-governanza.

Il-progress hemm bżonnu biex id-dimensjoni soċjali tiddaħħal fis-sorveljanza tal-iżbilanċi makroekonomiċi. Hemm bżonnu wkoll b'mod aktar ġenerali fis-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, u dan jista' jsir billi jissaħħaħ il-qafas attwali għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali. Jekk fis-sorveljanza tal-iżbilanċi makroekonomiċi titqies id-dimensjoni soċjali, dan jgħin biex jitjieb it-tfassil tal-politiki rakkomandati lill-pajjiżi qed jagħmlu aġġustament makroekonomiku.

Barra minn hekk, hu importanti li żviluppi negattivi kbar tal-impjiegi u soċjali jiġu identifikati kmieni u li jitjiebu l-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tal-impjiegi u soċjali. Dan jiżgura risponsi politiċi effettivi u jippromwovi konverġenza f'dawn l-oqsma. It-tagħlim reċiproku, l-iskambju tal-aqwa prattiki u valutazzjoni komparattiva bbażata fuq sorveljanza aktar qawwija jgħinu biex jippromwovu l-konverġenza.

3.1 It-tisħiħ mill-ġdid tal-monitoraġġ tal-iżviluppi tal-impjiegi u soċjali bħala parti mis-sorveljanza makroekonomika

Il-proċedura tal-iżbilanċi makroekonomiċi (MIP) iddaħħlet fl-2011 biex lill-UEM jingħatlha mekkaniżmu ta' sorveljanza li jevita u jsewwi żbilanċi serji, kif ukoll mezzi li jinfurzawha. Il-MIP tkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, minn sostenibbiltà esterna għal kompetittività, kreditu u dejn, sa prezzijiet tal-assi u stabbiltà finanzjarja. L-attenzjoni lil kull waħda minn dawn il-kwistjonijiet hi l-għan ġenerali tal-assigurazzjoni tal-istabbiltà makroekonomika. B'mod partikolari, din tista' tgħin biex tevita ċikli "boom and bust" filwaqt li tindirizza l-fażijiet "bust" li matulhom in-nuqqas ta' fiduċja fis-swieq finanzjarji, id-delokalizzazzjoni tal-kapital, u d-diżingranaġġmifrux jingħaqdu ma' waqtiet ta' inqas attività ekonomika u ta' miżerja soċjali.

Kif turi l-esperjenza reċenti f'għadd ta' pajjiżi taż-żona ewro, l-iżbilanċi makroenomiċi tperikolużi parzjalment relatati mal-akkumulazzjoni ta' dejn privat u pubbliku u n-nuqqas ta' kompetittività mġarrab joħolqu riskji serji għall-pajjiż fejn jidħlu l-prospetti tal-impjiegi u t-tkabbir u l-sigurtà soċjali. Għalhekk, hu importanti li jiġu identifikati kmieni r-riskji potenzjali u jkun evitat li jitfaċċaw żbilanċi markoenomiċi perikolużi.

S'issa fl-implimentazzjoni tal-MIP ma dehrux b'mod espliċitu kwistjonijiet soċjali. Jekk din ir-rabta tkun aktar espliċita, dan ikun ta' vantaġġ minn bosta aspetti. Din tippermetti li jinfiehmu aħjar ir-riskji ta' dawn l-iżbilanċi mil-lat ta' qgħad, faqar u konsegwenzi soċjali usa'. Din tgħin ukoll biex jinftiehmu aħjar l-iżviluppi soċjali waqt il-proċessi ta' aġġustament. Fl-aħħar mill-aħħar, għarfien aħjar dwar dan jgħin biex jiġu identifikati miżuri ta' politika li jsewwu l-iżbilanċi filwaqt li jnaqqsu kemm jista' jkun il-konsegwenzi soċjali tagħhom.

Il-MIP fiha għadd ta' skaluni: Din tibda b'Rapport annwali dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR) u klassifika tal-indikaturi. Wara, isiru analiżijiet speċifiċi fil-fond tal-pajjiżi li waqt l-AMR ġew identifikati li potenzjalment qegħdin f'riskju ta' żbilanċi, u dawn joħolqu rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u, possibbilment, pjanijiet ta' azzjoni korrettiva għal pajjiżi bi żbilanċi eċċessivi. L-implikazzjonijiet soċjali tal-iżbilanċi għandhom jiddaħħlu aħjar fil-qafas attwali tas-sorveljanza tal-iżbilanċi makroekonomiċi billi terġa' tissaħħaħ l-analiżi ġenerali tal-MIP b'indikaturi dwar kwistjonijiet tal-impjiegi u soċjali.

Fir-rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, il-qgħad diġà jidher fost l-indikaturi ewlenin. Biex ikun rifless aħjar l-implikazzjonijiet soċjali tal-iżbilanċi makroekonomiċi, jista' jiddaħħal għadd limitat ta' indikaturi awżiljarji tal-impjiegi u soċjali. Għas-Semestru Ewropew tal-2014 jistgħu jiddaħħlu dawn l-indikaturi awżiljari addizzjonali (ara t-tabella indikattiva fl-Anness):

i. ir-rata ta' parteċipazzjoni:

ii. il-proporzjon ta' qgħad fit-tul:

iii. ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ (kumplimentata bil-proporzjon ta' żgħażagħ li mhumiex fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew f'impjieg (NEET));

iv. ir-rata ta' "dawk fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali" (kumplimentata bi tliet subindikaturi: ir-rata ta' dawk fir-riskju tal-faqar, ir-rata' ta' dawk b'deprivazzjoni materjali estrema, il-proporzjon ta' familji b'intensità baxxa ta' xogħol).

Il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jaħdmu id f'id biex jagħżlu dawn l-indikaturi.

L-**Analiżijiet fil-Fond** u dokumenti ta' politika rilevanti oħra għandhom regolarment jinkludu taqsima li tiddiskuti l-iżviluppi tal-impjiegi u soċjali fil-pajjiż analizzat, li jużaw firxa usa' ta' indikaturi soċjali u għodod analitiċi minn fost dawk li hemm fil-klassifika tal-AMR. Dan jgħin biex jiċċara r-rabtiet interni bejn żbilanċi dejjem akbar u l-iżviluppi soċjali, u dan jgħin biex jissawru l-approċċi ta' politika.

3.2 L-iżvilupp ta' klassifika tal-indikaturi tal-impjiegi u soċjali ewlenin u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali

Kif jistabbilixxi l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni, il-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki tal-impjiegi u soċjali għandhom jerġgħu jissaħħu fil-governanza tal-UEM, u għandha tiġi promossa l-konverġenza f'dawn l-oqsma.

Sa mill-adozzjoni tagħha 15-il sena ilu, l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi provdiet qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-ħolqien tal-impjiegi, li jixbah il-qafas għall-politika ekonomika, u bl-istess għan ta' konverġenza ta' miri stabbiliti b'mod konġunt, verifikabbli, u aġġornati regolarment.[4] L-istrateġija Ewropa 2020 tenfasizza bil-qawwa fuq id-dimensjoni tal-impjiegi u soċjali u fiha miri speċifiċi għall-impjiegi u biex jonqos il-faqar. L-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, ippubblikat bħala parti mill-Istħarriġ Annwali tal-Kummissjoni dwar it-Tkabbir janalizza l-isfidi tal-impjiegi u soċjali kif ukoll r-rispons politiku tal-Istati Membri, u jservi ta' bażi għal aktar analiżi, sorveljanza u koordinazzjoni matul is-Semestru Ewropew.[5] B'mod ġenerali, l-istrateġija Ewropa 2020 toħloq sistema

[4] Ara l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Laqgħa Straordinarja tal-Kunsill Ewropew dwar l-Impjiegi, il-Lussemburgu fl-20 u l-21 ta' Novembru 1997, §3.

[5] Ara r-Regolament Nru 1466/97, kif emendat bir-Regolament Nru 1175/2011, b'mod partikolari t-taqsima 1-a dwar is-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

effettiva ta' governanza ekonomika li ġiet stabbilita biex tikkoordina azzjonijiet politiċi bejn l-UE u l-livelli nazzjonali.

Fil-Kunsill tal-EPSCO, il-Ministri diġà esprimew ir-rieda tagħhom[6] li jibqgħu jiżviluppaw l-għodod attwali ta' monitoraġġ[7] u jerġgħu jsaħħu s-sorveljanza multilaterali u l-koordinazzjoni tal-politika bi klassifika tal-indikaturi tal-impjiegi u soċjali.

Il-Kummissjoni tipproponi li tinħoloq **klassifika tal-indikaturi ewlenin li jridu jintużaw fl-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi li jsegwi l-iżviluppi tal-impjiegi u soċjali**. Din isservi ta' għodda analitika li biha jkunu jistgħu jiġu identifikati aħjar u kmieni, il-problemi kbar tal-impjiegi u soċjali, l-aktar dawk fir-riskju li joħolqu effetti lil hinn mill-fruntieri nazzjonali.[8] Din il-klassifika jkun fiha għadd limitat ta' indikaturi ewlenin li jiffukaw fuq ix-xejriet tal-impjiegi u soċjali li jistgħu jdgħajfu serjament l-impiegi, il-koeżjoni soċjali u l-kapital uman, u jħallu effetti negattivi fuq it-tkabbir u l-kompetittività ta' Stat Membru. Din tkun imdaħħla fl-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi sabiex tipprovdi bażi aktar iffukata għal sorveljanza multilaterali msaħħa tal-politiki tal-impjiegi u soċjali, tgħin biex tidentifika żviluppi li jiġġustifikaw risponsi politiċi tal-impjiegi u soċjali aktar b'saħħithom.[9] Dawn l-indikaturi ewlenin (ara t-tabella indikattiva fl-Anness) jistgħu jgħinu biex jiġu identifikati xejriet negattivi minn kmieni u jgħinu biex jiġi antiċipat aktar deterjorament:

i. il-livell ta' qgħad u l-bidliet fihom;
ii. ir-rata ta' NEET (żgħażagħ li mhumiex fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew f'impjieg) u r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ;
iii. l-introjtu disponibbli gross reali tal-familji ;
iv. ir-rata ta' dawk fir-riskju tal-faqar mill-popolazzjoni fl-età tax-xogħol;
v. l-inugwaljanzi (proporzjon S80/S20).

Il-qari tal-klassifika ma għandux ikun mekkaniku, u interpretazzjoni aktar fid-dettall għandha tibni fuq l-għodod eżistenti (il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Impjiegi (EPM),[10] il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (SPPM),[11] Il-Qafas tal-Valutazzjoni Konġunta (JAF)[12] u s-settijiet tad-dejta maqbula bħall-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol Ewropea u l-Istatistka tal-UE dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien.

L-indikaturi tal-impjiegi u soċjali għall-klassifika għandhom jaħfnu l-fenomeni ewlenin għal kull pajjiż u jidentifikaw l-aktar problemi serji u l-iżviluppi minn kmieni u qabel mal-pajjiż jiżvija ferm mill-prestazzjoni tal-imgħoddi jew mill-bqija tal-UE. Billi tgħin biex jiġu

---

[6] Ittra mingħand il-Presidenza tal-Kunsill lill-President tal-Kunsill Ewropew dwar id-"Dimensjoni Soċjali tal-UEM", il-15 ta' Mejju 2013.
[7] Il-Monitoraġġ tal-Politika dwar l-Impjiegi (EPM) u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (SPPM).
[8] Fl-Anness qed tingħata ħarsa ġenerali sħiħa. Mhux se jkun hemm obbligu ta' rappurtar addizzjonali għall-Istati Membri.
[9] Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, previst fl-Artikolu 148(1) tat-TFUE, hu soġġett għall-adozzjoni mill-Kunsill u indirizzat lill-Kunsill Ewropew. It-terminu "Konġunt" jirreferi għal ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill, bis-sett tad-dejta korrispondenti li jkun użat b'mod estensiv fis-Semestru Ewropew.
[10] L-EPM hu rapport konġunt maqbul bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru bil-għan aħħari li jidentifika sfidi ewlenin tal-impjiegi maqbula b'mod komuni għal kull Stat Membru. Dan isir billi titqabbel il-prestazzjoni kemm statikament kontra l-pari (valutazzjoni komparattiva) u fi ħdan l-Istat Membru matul iż-żmien. L-EPM jipprovdi sommarju tal-valutazzjoni li jagħti l-JAF f'għaxar oqsma relatati mas-suq tax-xogħol.
[11] L-SPPM ġie approvat mill-Kunsill f'Ottubru 2012 bħala metodu ta' monitoraġġ tas-sitwazzjoni soċjali tal-Istati Membri fl-UE.
[12] Il-JAF hu bażi tad-dejta b'indikaturi ewlenin tas-suq tax-xogħol u soċjali li jintużaw biex jissorveljaw l-iżviluppi tas-suq tax-xogħol u soċjali fl-Istati Membri u l-progress lejn il-miri ewlenin. Dan hu għodda analitika bbażata fuq sett ta' indikaturi maqbula b'mod komuni fi 11-il qasam politiku.

identifikati l-isfidi ewlenin tal-impjiegi u soċjali fl-UE u biex ikun żgurat rispons politiku f'waqtu, il-klassifika tgħin ukoll biex jintlaħqu l-miri ta' Ewropa 2020.

Bil-għan li jsir monitoraġġ aħjar u titqies is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol u soċjali, il-klassifika tal-indikaturi tal-impjiegi u soċjali għandha tiġi miftiehma f'diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill, u titlesta fil-ħin għas-Semestru Ewropew tal-2014. Ġaladarba l-Kunsill ikun adottaha, l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi li jkun fih il-klassifika proposta se jiġi indirizzat lill-Kunsill Ewropew bħala parti mill-AGS. Il-klassifika se tiġi diskussa mal-Parlament Ewropew kif ukoll mas-sħab soċjali.

Flimkien mat-tisħiħ tal-monitoraġġ ta tal-impjiegi u soċjali fil-kuntest tal-Proċedura tal-Iżbilanċi Makroekonomiċi, kif tiddeskrivi t-taqsima 3.1, il-klassifika tal-indikaturi ewlenin tal-impjiegi u soċjali se tgħin biex jiġu integrati aħjar il-kwistjonijiet tal-impjiegi u soċjali fix-xenarju tal-politika ġenerali. Dan jikkontribwixxi għal ħidmet il-Kunsill u l-Kumitati qabel il-Kunsill Ewropew tar-rebbiegħa.

3.3 Koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-politiki tal-impjiegi u soċjali fis-Semestru Ewropew

Hu importanti li tkun żgurata koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-politiki tal-impjiegi u soċjali fis-Semestru Ewropew. Dan jeħtieġ analiżi ċara u komuni tal-fatturi ewlenin, b'enfasi fuq l-aktar miżuri u riformi urġenti biex jiġu adottati.

Il-Qafas tal-Valutazzjoni Konġunta, il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali huma t-tliet għodod li qed jintużaw bħalissa biex jiġu identifikati sfidi speċifiċi għall-pajjiżi u biex titqabbel u tiġi kklassifikata l-prestazzjoni fost l-Istati Membri. L-għan aħħari ta' dawn l-għodod komprensiv hu li jidentifika u jsib ftehim komuni fuq sett ta' sfidi ewlenin tas-suq tax-xogħol u soċjali li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri meta jkunu qed jitħabtu biex jiksbu l-għanijiet tal-Ewropa 2020. Il-klassifika ma tirrappreżentax tibdil fl-ambizzjoni tal-politika Ewropa 2020 iżda pjuttost timmira li tidentifika żviluppi fis-sitwazzjoni soċjoekonomika madwar l-UE li jeħtieġu monitoraġġ aktar mill-qrib. L-iskop u n-natura tagħha jkunu jikkumplimentaw lil dawk ta' dawn l-għodod tal-monitoraġġ.

Il-valutazzjoni komparattiva u tal-prestazzjoni diġà ngħataw bl-għodod eżistenti u għandhom jiġu appoġġati u jibqa' jinbena fuqhom, anke f'ħidmet il-Kumitati tal-Protezzjoni tal-Impjiegi u Soċjali. Il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Impjiegi juri valutazzjoni komparattiva tal-prestazzjoni tal-Istati Membri, li tagħti rappreżentazzjoni viżiva kontra dawk bl-aqwa prestazzjoni statistikament identifikati, filwaqt li l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali fih sett ta' 20 indikatur soċjali ewlieni bil-għan li jagħti stampa sħiħa tal-bidliet ewlenin fis-sitwazzjoni soċjali tal-Ewropa u jwassal biex jiġu identifikati x-"xejriet soċjali ewlenin li jeħtieġu attenzjoni".

Gwida ta' politika żviluppata skont l-aqwa prattiki u fl-għamla ta' linji gwida dettaljati jew rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill — bħal fil-każ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ — jistgħu jgħinu biex tinfirex l-aqwa prattika u biex l-isforzi tal-gvernijiet u l-partijiet interessati jiffukaw fuq li jindirizzaw sfidi rilevanti għall-UE kollha kemm hi. Jekk nersqu lejn l-aqwa prattiki u valutazzjonijiet komparattivi, dan jappoġġa l-ħolqien ta' aktar swieq tax-xogħol dinamiċi, u jħeffef it-tkabbir b'ħafna impjiegi.

L-ambitu tal-aqwa promozzjoni prattika b'koordinazzjoni aktar b'saħħitha tal-politika jista' jinkludu oqsma bħall-kwalità tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, ir-riformi li jindirizzaw is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, u l-iżvilupp tal-kapital uman. Fil-qasam tas-servizzi

pubbliċi tal-impjiegi, ir-replikazzjoni tal-aqwa prattika se tiġi promossa min-Netwerk tas-Sservizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES). Bil-proposta riċenti tagħha dwar koperazzjoni aħjar bejn il-PESs,[13] il-Kummissjoni proponiet qafas ġenerali għall-valutazzjoni komparattiva u t-tagħlim reċiproku li bih tkun tista' titqabbel il-prestazzjoni tal-PES.

Prestazzjoni tajba mis-servizzi tas-sigurtà soċjali, li biha n-nies jitħeġġu u jkunu jistgħu jieħdu sehem fl-ekonomija u jaċċessaw is-servizzi soċjali, hi importanti wkoll biex madwar l-UE jinżammu sisien ekonomiċi b'saħħithom. F'dan ir-rigward, għad hemm lok biex jissaħħaħ l-iskambju tal-aqwa prattika fil-politiki soċjali permezz tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni.

Hu importanti li dawn l-għodod ikunu jikkumplimentaw il-klassifika l-ġdida għall-politiki tal-impjiegi u soċjali. Għalhekk il-Kummissjoni se tiddiskuti mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar modi kif tista' tissaħħaħ aktar il-koordinazzjoni tal-politiki fl-oqsma tal-impjiegi u soċjali billi jużaw dawn l-għodod fuq bażi komplementarja bħala parti mis-Semestru Ewropew.

4. IR-RESPONSABBILTÀ, IS-SOLIDARJETÀ U AKTAR AZZJONI GĦALL-IMPJIEGI U L-MOBBILTÀ TAX-XOGĦOL

4.1 Aktar solidarjetà bi strumenti finanzjarji msaħħa

Il-kriżi ekonomika żiedet l-inugwaljanzi u r-riskju tal-esklużjoni fit-tul filwaqt li llimitat serjament l-infiq pubbliku. Minħabba f'hekk, l-Istati Membri jsibu ma' wiċċhom l-isfida li jistabbilixxu l-prijoritajiet għal investiment soċjali u li jimmodernizzaw is-servizzi tas-sigurtà soċjali. Dan ifisser li jtejbu l-istrateġiji ta' inklużjoni attivi tagħhom u jużaw il-baġits soċjali b'aktar effiċjenza u effikaċja. Fl-20 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni ressqet Pakkett ta' Investiment Soċjali mmirat biex jagħti gwida lill-Istati Membri dwar żieda fl-effiċjenza, fl-effikaċja u l-adegwatezza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, b'enfasi fuq l-investiment soċjali.

Biex tinħoloq dimensjoni tassew soċjali, l-ambitu tal-baġit tal-UE għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ ħalli tinħoloq id-dimensjoni soċjali tal-UEM. Għall-perjodu 2014-20, issaħħu r-riżorsi u l-programmi. Il-Fondi Strutturali u tal-Investiment Ewropej se jibqgħu jmexxu lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-riformi meħtieġa u l-modernizzazzjoni tal-politiki soċjali. Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) se jibqa' jaqdi rwol ewlieni, u jekk waqt it-tħejjija ta' ftehimiet tas-sħubija 2014-20 u programmi operazzjonali, il-fondi tal-UE jiġu mmirati aktar għal politiki tal-impjiegi u soċjali b'saħħithom, dan jaf ikun stimolu qawwi ta' tkabbir f'bosta Stati Membri.

Il-Programm il-ġdid għall-Innovazzjoni fl-Impjiegi u Soċjali jista' jgħin biex fl-Istati Membri jinfirxu miżuri ta' politika tal-impjiegi u soċjali li jkunu innovattivi u kosteffiċjenti, u l-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Aktar fil-Bżonn se tagħti għajnuna materjali lill-persuni l-aktar fil-bżonn. Il-Fond Ewropew tal-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni se jibqa' jkun strument tas-solidarjetà Ewropea mal-ħaddiema li jġarrbu sensji fuq skala kbira minħabba bidliet fix-xejriet kummerċjali globali u reġjonali.

L-Inizjattiva ta' Xogħol għaż-Żgħażagħ (YEI) tfasslet biex lill-Istati Membri tgħinhom jimplimentaw il-Garanzija għaż-Żgħażagħ f'reġjuni b'rati ta' qgħad aktar minn 25%. Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju ddeċieda li l-linja baġitarja ta' EUR 3 biljun maħsuba għall-YEI għandha tingħata minn qabel fl-2014-15, bl-appoġġ ta' kontribuzzjonijiet li jaqblu minn

[13] Fis-17 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni preżentat proposta għal Deċiżjoni dwar koperazzjoni aħjar bejn il-PESs u li biha jkun jista' jsir tqabbil sinifikanti tal-prestazzjoni tagħhom, permezz ta' valutazzjoni komparattiva bbażata fuq l-evidenza.

programmi tal-FSE ta' mill-inqas EUR3 biljun. Il-YEI tixhed impenn politiku għoli biex b'mod kollettiv tingħeleb sfida ewlenija tal-impjiegi u soċjali li jolqot b'mod sproporzjonat lil ċerti pajjiżi u reġjuni, iżda li tħalli impatt negattiv fuq l-UE kollha kemm hi. Bħala kwistjoni ta' urġenza, il-Kummissjoni bħalissa qed tappoġġa lill-Istati Membri biex ifasslu l-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni tagħhom tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, qed tistenna li tirċievi l-verżjonijiet lesti tagħhom u l-proposti tal-programmi finanzjarji sa tmiem l-2013.

4.2 Aktar azzjoni għall-impjiegi u l-mobbiltà tax-xogħol

Aspett kruċjali tad-dimensjoni soċjali tal-UEM hu li jidħlu fis-seħħ politiki tal-impjiegi li jtejbu r-reżiljenza tas-suq tax-xogħol, jippreservaw l-impjiegi u l-kompetittività u jsostnu l-ħolqien ta' impjiegi ġodda li jieħdu post dawk li ntilfu bir-ristrutturar ekonomiku. Kif jenfasizza l-Pakkett dwar l-Impjiegi tal-2012,[14] dan jeħtieġ miżuri ta' appoġġ kemm għan-naħa tal-provvista kif ukoll tad-domanda tas-suq tax-xogħol. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw malajr il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Impjiegi tagħhom filwaqt li jqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

Waħda mill-aktar sfidi tal-impjiegi urġenti hi l-għajnuna għaż-żgħażagħ biex jidħlu fis-suq tax-xogħol u li jinżamm il-potenzjal tagħhom minkejja l-kuntest ekonomiku negattiv. L-Ewropa ħadet azzjoni fuq dan meta qablet li kull Stat Membru għandu jistabbilixxi skema ta' Garanziji għaż-Żgħażagħ u warrbet xi riżorsi biex tgħin fl-implimentazzjoni ta' din ir-riforma strutturali ewlenija, permezz tal-Inizjattiva ta' Xogħol għaż-Żgħażagħ. F'dan il-qasam, hu kruċjali li jsir progress malajr biex jinżamm potenzjal tajjeb ta' tkabbir f'kull pajjiż u biex fl-UE titreġġa' lura l-konverġenza soċjoekonomika.

Barra minn hekk, hu prinċipju stabbilit sew li l-flessibilità tas-swieq tar-riżorsi hi vitali biex unjoni monetarja taħdem sew. Għalkemm il-kapital kien mobbli ferm, ħafna drabi s-swieq tax-xogħol baqgħu frammentati ħafna. Sabiex ikun żgurat li d-domanda u l-provvista tal-ħaddiema madwar l-Ewropa jaqblu bejniethom malajr, u sabiex jiżdied kemm jista' jkun il-potenzjal tal-impjiegi, hu importanti b'mod partikolari li titjieb l-abbiltà tan-nies biex jiċċaqalqu għax-xogħol fi ħdan u lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tagħhom. Il-moviment ħieles tal-ħaddiema hu wieħed mis-sisien tal-UE u s-Suq Uniku tagħha. Fil-UEM, il-mobbiltà tax-xogħol sa ċertu punt tista' sservi ta' mekkaniżmu tal-aġġustament f'waqtiet ta' bidliet asimmetriċi.

Madankollu, il-mobbiltà transfruntiera fl-Unjoni Ewropea għadha baxxa. Mill-popolazzjoni tal-UE, 2,6% biss iċċaqilqu biex jgħixu fi Stat Membru differenti. Fiż-żona ewro, anqas minn 4% tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol huma ċittadini nazzjonali ta' Stat Membru differenti. Madankollu, miċ-ċittadini tal-UE, 10% diġà ħadmu fi Stat Membru ieħor u 17% fil-futur beħsiebhom jaħdmu jew jgħixu fi Stat Membru ieħor. Il-livell baxxi attwali ta' mobbiltà tax-xogħol jistgħu jispjegawh għadd ta' fatturi, uħud minnhom huma kulturali u soċjali (ostakli lingwistiċi u kulturali, is-swieq tal-proprjetà, ir-rabtiet tal-familja). Partijiet oħra huma relatati mal-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija bil-liġi tal-UE u l-inadegwatezza tal-appoġġ għall-mobbiltà intra-UE (sistemi differenti tas-sigurtà soċjali u tat-tassazzjoni, kwalifiki professjonali differenti, u ostakli legali jew amministrattivi).

L-UE diġà indirizzat uħud minn dawn l-ostakoli persistenti. Din stabbilixxiet sistema tal-UE li tagħraf il-kwalifiki professjonali u sistema tal-UE li tikkordina l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, tiżgura li l-ħaddiema mobbli ma jitilfux id-drittijiet li kisbu meta ddeċidew li jaqsmu l-

[14] COM(2012) 173 finali.

fruntieri. Il-Kummissjoni qed issegwi l-ħidma tagħha fejn jidħlu l-attivitajiet ta' professjonijiet regolati, bil-ħsieb li ssaħħaħ il-libertà tal-istabbiliment fis-settur tas-servizzi[15].

Il-proposta riċenti tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar miżuri li jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet konferiti fuq ħaddiema fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema[16] għandha l-għan li tagħti s-setgħa lill-ħaddiema mobbli billi jkun żgurat li dawn ikunu jistgħu jirċievu pariri, informazzjoni u appoġġ fil-pajjiż ospitanti u billi tagħtihom mezzi ġenwini ta' rimedju f'każ ta' diskriminazzjoni.

Madankollu, it-tiftixa għal impjieg fi Stat Membru ieħor tal-UE għadu kkumplikatu u b'piż amministrattiv u jaf iħalli impatt negattiv fuq id-drittijiet tas-sigurtà soċjali ta' dak li jkun. Fir-Rapport tagħha dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw bis-sħiħ ir-regoli attwali sabiex min ifittex impjieg ikun jista' jirċievi l-benefiċċji tal-qgħad sa sitt xhur waqt li jkunu qed ifittxu xogħol fi Stat Membru ieħor.[17] Il-Kummissjoni qed tippjana li tippreżenta proposti fl-2014 biex tirrevedi l-Kapitolu dwar il-qgħad tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u Nru 987/2009 bil-ħsieb li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-għoti tal-benefiċċji tal-qgħad f'sitwazzjonijiet transfruntiera, u d-dispożizzjonijiet isiru aktar effiċjenti.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtiġilhom jagħmlu iżjed biex jiżguraw li l-provvista u d-domanda għax-xogħol ikunu jaqblu b'mod transnazzjonali, b'mod partikolari billi jitjieb in-netwerk EURES f'servizz pan-Ewropew ta' reklutaġġ, tqabbil u kollokament. Fl-2013, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta biex ittejjeb l-ipproċessar ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg, is-servizzi tal-appoġġ għall-mobbiltà għal min ifittex impjieg u għall-impjegaturi u biex issaħħaħ il-koordinazzjoni ġenerali u l-governanza ta' strateġiji tal-mobbiltà bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, hu kruċjali li tiġi indirizzata d-diskrepanza bejn il-ħiliet biex jiġu antiċipati aħjar il-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol. Dan huwa l-iskop tal-Panorama tal-Ħiliet tal-UE li tnediet dan l-aħħar.

4.3 UEM aktar profonda: taħlita ta' ambizzjoni sostanzjali u sekwenzar xieraq

L-istruttura attwali tal-UEM hi msejsa fuq il-politiki fiskali nazzjonali deċentralizzati f'qafas ibbażat fuq ir-regoli. Il-funzjoni ta' stabbilizzazzjoni tal-politika fiskali titwettaq fil-livell nazzjonali, fil-limiti tar-regoli tat-Trattati u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Tħallew jintużaw stabilizzaturi awtomatiċi nazzjonali (inqas dħul mit-taxxi u nefqa soċjali akbar fi żminijiet ta' tnaqqis ekonomiku), f'ċerti kundizzjonijiet, ħalli jaqdu rwol importanti ta' armonizzaturi, meta wieħed iqis id-daqs relattivament kbir tas-servizzi tas-sigurtà soċjali. Iżda l-biċċa l-kbira tal-politiki tas-sigurtà soċjali (b'mod partikolari s-sistemi tal-benefiċċju) jaqgħu fir-responsabbiltà nazzjonali skont it-Trattat, u dan ifisser li t-tfassil, l-effiċjenza u l-funzjonament tal-istabbilizzaturi awtomatiċi huma fir-responsabbiltà nazzjonali u jvarjaw minn Stat Membru għall-ieħor.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għal UEM Profonda u Ġenwina jipprovdi viżjoni komprensiva biex tinbena struttura b'saħħitha u stabbli fil-qasam finanzjarju, fiskali, ekonomiku u politiku. Dan hu rilevanti wkoll għall-iżvilupp tad-dimensjoni soċjali tal-UEM. Dan il-pjan ta' azzjoni jistabbilixxi l-azzjonijiet li l-Kummissjoni jidhrilha li għandhom jittieħdu fi żmien qasir, medju u fit-tul. F'din id-direzzjoni għandhom isiru passi għal aktar responsabbiltà u dixxiplina ekonomika, u f'binarju ma' aktar solidarjetà u appoġġ finanzjarju.

[15] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Evalwazzjoni tal-aċċess għal professjonijiet regolati". 02/10/2013.
[16] COM(2013) 236 finali.
[17] COM(2013) 269 finali.

Uħud mill-passi meħtieġa jistgħu jiġu adottati fil-limiti tat-Trattati attwali. Oħrajn se jkollhom bżonn modifiki fit-Trattati attwali u li l-UE tingħata kompetenzi ġodda.

Biex tinħoloq id-dimensjoni soċjali tal-UEM, b'mod partikolari huma importanti dawn l-aspetti stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni.

Fi żmien qasir, il-Kummissjoni proponiet li jinħoloq strument fil-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE u l-baġit tal-UE, li jkun separat mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali, biex jappoġġa il-bilanċjar mill-ġdid, l-aġġustament, u allura t-tkabbir. Dan ikun l-ewwel pass biex titwaqqaf kapaċità fiskali aktar b'saħħitha flimkien ma' mekkaniżmi tal-koordinazzjoni tal-politika aktar integrata. Il-qafas eżistenti għandu jissaħħaħ billi titjieb il-koordinazzjoni *ex ante* tal-proġeti kbar ta' riforma u billi jinħoloq "Strument ta' Konverġenza u Kompetittività" (CCI) li jipprovdi qafas għal impenji u appoġġ għall-implimentazzjoni f'waqtha tar-riformi strutturali.

L-appoġġ finanzjarju jingħata għal pakketti ta' riformi li jkunu nqablu u meqjusa importanti għall-Istat Membru kkonċernat u biex il-UEM taħdem sew. L-użu tal-appoġġ finanzjarju jiġi definit bħala parti mill-arranġament kuntrattwali konkluż bejn l-Istat Membru kkonċernat u l-Kummissjoni. L-"Istrument ta' Konverġenza u Kompetittività (CCI)" jgħaqqad l-integrazzjoni profonda tal-politika ekonomika mal-appoġġ finanzjarju, u dan jirrifletti l-prinċipju li aktar responsabbiltà tingħaqad ma' aktar solidarjetà.

Dan l-istrument jista' jiġi stabbilit skont liġi sekondarja.

Filwaqt li tibni fuq is-CCI, il-kapaċità fiskali tista' tingħata spinta b'mod progressiv biex tkun tista' tipprovdi biżżejjed riżorsi ħalli jiġu appoġġati riformi strutturali kbar, anke għal ekonomija kbira f'diffikultà.

Fl-aħħar nett, fit-tul, skont qsim progressiv tas-sovranità u b'hekk skont il-kompetenzi tar-responsabbiltà u tas-solidarjetà fil-livell Ewropew, għandu jkun possibbli li jiġi stabbilit baġit awtonomu taż-żona ewro li bih iż-żona ewro jkollha kapacità fiskali biex tappoġġa lill-Istati Membri jilqgħu x-xokkijiet. Il-baġit ċentrali jipprevedi għodda ta' stabbilizzazzjoni fil-livell tal-UEM biex tappoġġa l-aġġustament għal xokkijiet asimmetriċi żżid l-integrazzjoni u l-konverġenza ekonomiċi u tevita milli jinħolqu flussi ta' trasferimenti fit-tul. B'mod ġenerali, strument komuni jaf jilħaq kisbiet ċari fl-istabbilizzazzjoni tal-poter, meta mqabbel mal-arranġamenti attwali. Fl-aħħar mill-aħħar, id-daqs ta' din il-kapaċità fiskali jkun jiddependi mill-fond mixtieq tal-integrazzjoni u mir-rieda li jiddaħħlu fis-seħħ bidliet politiċi ta' akkumpanjament.

Strument komuni għall-istabbilizzazzjoni makroekonomika jista' jipprovdi sistema ta' assigurazzjoni li permezz tagħha r-riskji għax-xokkijiet ekonomiċi jiġu raggruppati fl-Istati Membri kollha, u b'hekk jitnaqqsu l-fluttwazzjonijiet fid-dħul nazzjonali.

Fl-aktar formulazzjoni sempliċi tagħha, skema ta' stabbilizzazzjoni li tilqa' xokkijiet asimmetriċi jaf ikollha bżonn pagamenti netti monetarji li huma negattivi fi żminijiet tajbin u pożittivi fi żminijiet ibsin. Pereżempju, skema sempliċi jaf tiddetermina l-kontribuzzjonijiet/pagamenti netti mingħand il-pajjiżi bħala funzjoni tad-diskrepanza fl-output tagħhom (b'mod relattiv mal-medja). Fiż-żmien medju, sistema bħal din jeħtiġilha tkun newtrali finanzjarjament għal kull pajjiż, u dan jiddependi wkoll mid-daqs tal-pajjiż.

Inkella, l-iskema tista' tissejjes fil-pagamenti assenjati mill-fond bi skop definit, b'effetti kontroċikliċi (pereżempju fis-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad tal-Istati Uniti, fond federali jirrimborża 50% tal-benefiċċji tal-qgħad li jaqbżu t-tul taż-żmien standard, sa massimu stabbilit, u bil-kundizzjonali li l-qgħad ikun sa ċertu livell u li qed jiżdied). L-iskema tista'

taħdem b'dan il-mod biex jiġu evitati "trasferimenti permanenti" madwar il-pajjiżi. Fi kliem ieħor, dawn għandhom jitfasslu biex jevitaw li, mat-tul taż-żmien, xi pajjiż ikun suġġett għal telf jew gwadann ċar mill-iskema.

Dawn il-miżuri jkunu jeħtieġu tibdil sostanzjali fit-Trattat, għax bħalissa l-UE ma għandhiex il-kompetenza li tadottahom, la għaż-żona ewro u lanqas għall-UE kollha kemm hi. L-UE ma tistax terfa' r-responsabbiltajiet baġitarji tal-Istati Membri tagħha. Fir-rigward tal-impjiegi, il-kompetenzi attwali tal-UE huma limitati għal sempliċiment kemm tinċentiva miżuri mfassla biex iħeġġu l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u jappoġġaw l-azzjoni tagħhom, ħlief xi armonizzazzjoni (ara l-Artikolu 149 tat-TFUE). Fir-rigward tas-sigurtà soċjali u l-protezzjoni soċjali, il-kompetenza tagħha hi limitata għal sempliċiment kemm tadotta direttivi li jistabbilixxu rekwiżiti minimi għas-sistemi tal-Istati Membri li l-prinċipji fundamentali u l-ekwilibriju finanzjarju tagħhom jistabbilixxuhom l-Istati Membri (ara l-Artikolu 153 tat-TFUE). Jekk jitqies il-qafas attwali tal-kompetenzi u s-sistema tar-riżorsi proprji tat-Trattati, lanqas il-klawsola tal-flessibilità tal-Artikolu 352 ma tista' tintuża, għax l-istabbiliment tas-sistemi ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika jaqbeż il-qafas ġenerali tat-Trattati attwali u b'hekk ikun ifisser li jiġu emendati t-Trattati mingħajr ma jiġu segwiti l-proċeduri meħtieġa għal dan l-għan. Fi kliem ieħor, dan l-aħħar pass ikun jeħtieġ tibdil fundamentali fit-Trattati, li miegħu jrid iġib ukoll — kif jispjega l-pjan ta' azzjoni — integrazzjoni politika proporzjonata, biex ikunu żgurati leġittimità demokratika u kontabbiltà.

5. IT-TISĦIĦ TAD-DJALOGU SOĊJALI

Fil-livell tal-UE, id-djalogu soċjali jaqdi rwol essenzjali biex l-ekonomija tas-suq soċjali tagħna titmexxa 'l quddiem, u minnu jgawdu l-impjegaturi, il-ħaddiema, u l-ekonomija u s-soċjetà kollha kemm hi. Meta tissaħħaħ il-governanza ekonomika, hu importanti li s-sħab soċjali jkunu involuti fid-dibattiti tal-politika u fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Dan mhux biss biex tiżdied is-sjieda tal-politika u biex tkun żgurata implimentazzjoni serja, iżda anke biex tissaħħaħ l-effikaċja tal-koordinazzjoni tal-politika fil-livell taż-żona ewro. Għalhekk hu importanti ħafna li jsir investiment fit-tisħiħ tad-djalogu soċjali fil-livell Ewropew kif ukoll nazzjonali.

Is-sħab soċjali jaqdu rwol importanti fil-livell nazzjonali biex jiġu definiti r-regoli tas-suq tax-xogħol u l-pagi. Dawn għandhom influwenza qawwija f'politiki strutturali oħra permezz ta' konsultazzjonijiet tripartitiċi,bħal fil-qasam tas-sigurtà soċjali. Dwar l-iffissar tal-pagi b'mod partikolari, jeżistu bosta relazzjonijiet industrijali fl-UE u l-Istati Membri jiddeċiedu kif se jorganizzaw in-negozjar tal-pagi. Is-sħab soċjali huma wkoll atturi ewlenin fl-implimentazzjoni ta' miżuri bħall-apprendistat jew it-tagħlim tul il-ħajja effettiv.

Hemm lok fejn jitjiebu l-mekkaniżmi biex is-sħab soċjali jiġu involuti fil-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi fil-livell tal-UE.

5.1 Biex jintużaw bl-aħjar mod *il-fora eżistenti*

Fil-livell tal-UE, is-sħab soċjali jieħdu sehem fi djalogu makroekonomiku biennali (MED) u jiltaqgħu darbtejn biex jaqsmu l-opinjonijiet fl-ogħla livell politiku fis-summit soċjali tripartitiku (TSS).[18] Kemm id-djalogu makroekonomiku kif ukoll is-summit soċjali tripartitiku huma opportunitajiet kbar biex is-sħab soċjali jiġu involuti fil-proċess tas-Semestru Ewropew.

[18] It-TSS ilu jiltaqa' mill-1997, iżda ġie stabbilit b'mod formali fl-2003 (bid-Deċiżjoni 2003/174/KE), u illum hu integrat fit-Trattat ta' Lisbona. Il-MED ġie stabbilit fl-1999 abbażi tal-konklużjonijiet tal-Presidenza (il-Kunsill Ewropew ta' Cologne).

Il-Kummissjoni konvinta li s-sħab soċjali jistgħu jiġu involuti ferm aktar fil-governanza tal-UE u tal-UEM filwaqt jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija tagħhom. Hemm aktar x'jista' jsir biex jintużaw s-sinerġija u l-kumplementarjetà bejn *fora differenti*, b'mod partikolari biex tiġi promossa l-konsistenza u jiġu evitati proċessi paralleli. Ir-rappurtar u s-segwitu għandhom isiru aktar sistematiċi ħalli jkunu żgurati aktar trasparenza u komunikazzjoni, u l-kompożizzjoni ta' dawn *il-fora* tista' tiġi simplifikata. Il-potenzjal tad-djalogu soċjali bipartiti għandu jiġi sfruttat aktar, u l-livell tar-rappreżentanza tas-sħab soċjali nazzjonali għandu jitjieb f'kull *forum*, b'mod partikolari fil-Kumitat tad-Djalogu Soċjali.

Il- *fora* li jeżistu, urew is-siwi tagħhom. Forom ġodda ta' djalogu għandhom jitqiesu biss meta l-bżonn tagħhom issirlu valutazzjoni komuni.

Id- **djalogu makroekonomiku** hu forum ta' livell fejn il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Bank Ċentrali Ewropew u r-rappreżentazzjonijiet tas-sħab soċjali jaqsmu l-opinjonijiet tagħhom fil-livell tal-UE. Dan ġie stabbilit bil-għan speċifiku li jitrawwem djalogu regolari dwar tfassil ta' politika makroekonomika fiż-żona ewro. Il-MED għandu struttura b'żewġ saffi: saff politiku u saff tekniku. Id-djalogu politiku jorganizzah l-Istat Membru li jkollu l-presidenza tal-Kunsill (u li jattendu għalih iż-żewġ presidenzi sussegwenti), u qablu ssir laqgħa preparatorja teknika.[19]

Is- **summit soċjali tripartitiku** għat-Tkabbir u l-Impjiegi hu mnaqqax fl-Artikolu 152 tat-TFUE bħala komponent integrali tad-djalogu soċjali fil-livell tal-UE. Is-summit soċjali tripartitiku għandu l-kompitu li jiżgura l-ogħla d-djalogu soċjali bejn il-Presidenza tal-Kunsill (u ż-żewġ presidenzi sussegwenti), il-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-impjegaturi u tal-ħaddiema. Is-summit isir fil-kuntest ta' djalogu bejn l-industriji. Għalhekk l-aġenda tiegħu ikun fiha kwistjonijiet li jaffettwaw lil kull settur ekonomiku u ħaddiem tal-UE.

Il-politiki tal-impjiegi u soċjali wkoll jiġu diskussi regolarment f'laqgħat informali bejn il-Kunsill tal-EPSCO u s-sħab soċjali tal-UE, darbtejn fis-sena. Barra minn hekk, it-Trattat jipprovdi għal mekkaniżmu tal-konsultazzjoni bejn il-Kumitati u s-sħab soċjali tal-UE (l-Artikoli 150 u 160 tat-TFEU).

5.2 Il-konsultazzjoni waqt il-proċess tas-Semestru Ewropew

Hemm kunsens wiesa' fost l-istituzzjonijiet tal-UE dwar il-ħtieġa li s-sħab soċjali jiġu involuti aħjar fil-governanza Ewropea, b'mod partikolari fil-proċess tas-Semestru Ewropew. Filwaqt li l-awtonomija tas-sħab soċjali u d-diversità tal-prattiki nazzjonali għandhom jiġi rispettati (skont l-Artikoli 152 u 153(5) tat-TFUE), l-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki ekonomiċi u tal-impjiegi jeħtieġ ikun proporzjonat mal-iżviluppi fil-mekkaniżmi tal-monitoraġġ u tal-koordinazzjoni, biex il-governanza msaħħa tal-UEM tkun tassew effettiva u inklussiva. Il-konsultazzjonijiet fil-livell nazzjonali mas-sħab soċjali għandhom rwol importanti, b'mod partikolari waqt l-adozzjoni ta' programmi nazzjonali ta' riforma u l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. Din il-konsultazzjoni hi importanti għal kwistjonijiet relatati mas-suq tax-xogħol, iżda anke għal kwistjonijiet u politiki ekonomiċi u soċjali ġenerali.

Bla dubju għad hemm lok għal użu aħjar tal-mekkaniżmi għad-djalogu soċjali Ewropew attwali biex issir konsultazzjoni f'waqtha u effiċjenti mas-sħab soċjali fi stadji ewlenin tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell Ewropew. Sabiex ikunu effettivi, il-konsultazzjonijiet għandhom jinvolvu wkoll lill-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali nazzjonali. Dan jista' jaħdem biss jekk, skont tradizzjonijiet nazzjonali, l-Istati Membri jtejbu

[19] Il-qafas hu stabbilit mill-Kumitat tal-Politika Ekonomika (EPC).

wkoll l-involviment tas-sħab soċjali tagħhom fid-diskussjoni, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tar-riformi li qed isiru skont it-tradizzjonijiet nazzjonali tagħhom. Huwa f'idejn il-gvernijiet nazzjonali u skont ir-regoli u l-prattiki tagħhom li jiddefinixxu l-arranġamenti ħalli jiddiskutu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi mas-sħab soċjali. madankollu, il-Kummissjoni xorta tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiddiskutu l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u kull riforma rilevanti mas-sħab soċjali u biex iżidu l-opinjonijiet tagħhom mal-programmi nazzjonali ta' riforma.

Il-Kummissjoni tipproponi li jitjieb il-proċess attwali tal-konsultazzjoni b'dan il-mod:

Il-Kummissjoni se tiltaqa' mas-sħab soċjali tal-UE qabel tadotta l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, fil-qafas **tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali**, biex tikseb l-opinjonijiet tagħhom dwar il-prijoritajiet futuri u r-reazzjoni tagħhom għar-riżultat tal-proċess tas-Semestru Ewropew ta' qabel. Il-messaġġi ewlenin li joħorġu minn din il-konsultazzjoni se jinqasmu mal-Kunsill fis-summit soċjali tripartitiku ta' Ottubru. Mar-Rapport tagħha dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, il-Kummissjoni se tehmeż l-opinjonijiet konġunti bil-miktub li taw is-sħab soċjali, u li qabel ikunu ddiskutew il-partijiet u qablu dwarhom.

Wara l-adozzjoni tagħha, il-Kummissjoni se torganizza dibattitu fuq l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi mas-sħab soċjali tal-UE u l-affiljati nazzjonali tagħhom, anke fil-kuntest tal-Kumitat tad-Djalogu Soċjali. L-għan hu li tippromwovi fehim reċiproku aħjar tal-aspettattivi u t-tħassib. Id-dibattitu se jiġi organizzat dwar il-klassifika tal-iżviluppi ewlenin tal-impjiegi u soċjali inkluża f'dak ir-rapport, it-temi ewlenin tar-riformi ekonomiċi u soċjali, id-dimensjonijiet tal-impjiegi u soċjali tagħhom u l-koordinazzjoni tagħhom. Jekk ikun xieraq, fid-dibattitu se jinqasmu wkoll l-opinjonijiet dwar kwistjonijiet ta' rilevanza diretta għas-sħab soċjali, bħalma huma l-pagi jew is-sistemi ta' negozjar kollettiv. L-opinjonijiet li waslu mingħand is-sħab soċjali se jkunu mxerrda kif xieraq. Din il-konsultazzjoni se tikkomplimenta l-qsim tal-opinjonijiet bejn il-Kumitati (l-EMCO u l-SPC) u s-segretarjati tas-sħab soċjali tal-UE, u għalhekk se tgħin fit-tħejjija tas-summit soċjali tripartitiku li hu skedat għal Marzu.

Is-summit soċjali tripartitiku se jibqa' l-laqgħa tal-ogħla livell bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u s-sħab soċjali Ewropej biex jiddiskutu l-politiki tat-tkabbir u tal-impjiegi. Is-summit soċjali tripartitiku ta' Marzu se jiffoka fuq is-Semestru Ewropew. Id-dibattiti tiegħu se jħejjihom il-Kunsill EPSCO. Qabel id-djalogi politiċi ta' livell għoli għandha ssir laqgħa preparatorja teknika, li jrid jorganizzaha l-Kumitat tad-Djalogu Soċjali. Il-Kummissjoni se tipproponi li tirrevedi d-deċiżjoni li ħolqot is-summit soċjali tripartitiku sabiex tallinjaha mal-qafas istituzzjonali l-ġdid stabbilit mit-Trattat ta' Lisbona u l-istrateġija integrata tagħha tat-tkabbir u l-impjiegi.

Il-qafas attwali biex isiru djalogi tematiċi taħt il-Kumitati EMCO u SPC għandu jiġi żviluppat u simplifikat. Il-proċess tal-konsultazzjoni jista' jiġi kkumplimentat b'laqgħat *ad hoc* jew billi jsiru arranġamenti ta' ħidma biex is-sħab soċjali jkunu involuti aħjar fid-diskussjonijiet dwar kwistjonijiet rilevanti ta' politika, filwaqt li jitqiesu r-responsabbiltà speċifika tagħhom u s-sensittività potenzjali għas-sħab soċjali (eż. l-impjiegi għaż-żgħażagħ, il-pagi, riformi fil-pensjonijiet u fil-kura tas-saħħa).

Filwaqt li tibni fuq ir-Rapport tagħha dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali fl-Ewropa u fuq il-ħidma tal-Osservatorju Ewropew tar-Relazzjonijiet Industrijali fi ħdan Eurofound, il-Kummissjoni se tibqa' tippromwovi l-monitoraġġ tal-iżviluppi tad-djalogu soċjali fl-UE kollha.

6. KONKLUŻJONI

Il-bidliet riċenti biex tissaħħaħ il-governanza ekonomika tal-UE għandhom l-għan li jsaħħu lill-UEM, jindirizzaw xi nuqqasijiet inizjali fid-disinn tagħha u jagħmluha aktar kompetittiva u kapaċi tippromwovi t-tkabbir. Il-Kummissjoni hi tal-fehma li l-iżvilupp tad-dimensjoni soċjali tal-UEM huwa parti essenzjali minn dan il-proċess. Dan ikun ifisser li tiġi żviluppata l-kapaċità tal-mekkaniżmi ta' governanza ekonomika attwali u tal-istrumenti tal-politika biex ikunu jistgħu jqisu u jindirizzaw l-isfidi tal-impjiegi u soċjali fl-UE, filwaqt li l-Istati Membri kollha jingħataw l-għajnuna biex jiksbu l-potenzjal tagħhom tat-tkabbir u tal-impjiegi u jtejbu l-koeżjoni soċjali f'konformità mal-għanijiet tal-UE.

Biex unjoni monetarja taħdem sew, hemm bżonn swieq flessibbli u istituzzjonijiet xierqa li jindirizzaw il-qagħda soċjali u jipprovdu biżżejjed protezzjonijiet nazzjonali.

Hemm lok fejn tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-UEM billi jsiru koordinazzjoni u monitoraġġ aħjar tal-politiki u tal-iżviluppi tal-impjiegi u soċjali bħala parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew, jiġu mobilizzati u mmirati azzjoni u fondi li jindirizzaw aħjar il-miżerja soċjali, jitneħħew l-ostakoli għall-mobbiltà tax-xogħol tranfruntiera fi ħdan l-UE u tingħata spinta lir-rwol tad-djalogu soċjali.

Il-Kummissjoni ħerqana biex taħdem mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, mal-Istati Membri u mas-sħab soċjali biex f'dan il-qasam isir progress malajr.

Anness: Tabella indikattiva għall-klassifika tal-indikaturi ewlenin tal-impjiegi u soċjali

(trid tiġi analizzata fl-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi għas-Semestru Ewropew tal-2014)

INDIKATURI	**Ir-rata tal-qgħad (%)**	**Ir-rata ta' NEET (%) (rata' ta' dawk li mhumiex fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew f'impjieg) u r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ**	**Bidla fl-introjtu tal-familji disponibbli gross reali (DGHI)**	**Ir-rata dawk fir-riskju tal-faqar ta' bejn it-18 u s-64 sena (%)**	**L-Inugwaljanzi (proporzjon S80/S20)**
Popolazzjoni fil-mira	Popolazzjoni attiva	Żgħażagħ (18-24)	Popolazzjoni totali	Popolazzjoni fl-età tax-xogħol	Popolazzjoni totali
Sors tad-dejta u bidla	LFS (bidla annwali)	LFS (bidla annwali)	Kontijiet nazzjonali	EU-SILC (bidla annwali)	EU-SILC
Ir-raġuni għall-indikatur	L-iżviluppi ġenerali fis-suq tax-xogħol; it-telf ta' output u produttività; il-kompetittività; il-koeżjoni soċjali	It-telf tal-impjegabbiltà u l-produttività; ir-rilevanza tal-ħiliet; il-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet edukattivi u tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol; il-kompetittività; il-koeżjoni soċjali	Id-domanda aggregata; l-adegwatezza tad-dħul fis-suq tax-xogħol; l-effikaċja ta' skemi tad-dħul tas-sostituzzjoni	l-iżviluppi ġenerali fil-faqar (b'attenzjoni fuq l-introjti reali tal-fqar); il-koeżjoni soċjali; l-erożjoni tal-kapital uman	Is-segmentazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-prekarjat; opportunitajiet indaqs; id-domanda aggregata u l-koeżjoni soċjali
L-EPM, l-SPPM u l-JAF jintużaw biex jappoġġaw il-qari tal-klassifika tal-indikaturi ewlenin	***Il-qari fid-dettall tal-klassifika jissejjes fuq il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Impjiegi (EPM), il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (SPPM) u l-Qafas tal-Valutazzjoni Konġunta (JAF) fl-intier tagħhom.*** *Għal skopijiet illustrattivi, xi eżempji ta' indikaturi qed jitniżżlu hawn taħt, u juru kif l-EPM, is-SPPM, u l-JAF jappoġġaw l-interpretazzjoni tal-indikaturi ewlenin*:				
	Is-sehem tal-qgħad fit-tul; Ir-rata ta' impjiegi (skont is-sess, l-età u l-livell tal-ħiliet); Xogħol involontarju part-time/temporanju; Ir-rata ta' impjiegi battala (il-medja fi 3 snin); Indikaturi oħra dwar il-kopertura ALMP	Ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ; In-NEETs imqassma skont il-firxiet tal-età 15-18, 18-19, 20-24; Ir-rata ta' impjiegi fost iż-żgħażagħ; Dawk li jħallu l-iskola qabel iż-żmien	Il-kontribuzzjoni tad-dħul mix-xogħol (impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom) għall-GDHI; L-ispejjeż reali ta' unità tax-xogħol Ir-rata ta' tfaddil tal-familji; Il-proporzjon mal-introjtu tal-familja mad-dejn tal-familji, ir-rati ta' kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad	Ankrat fir-rata ta' dawk fir-riskju tal-faqar (%); L-intensità tal-faqar, l-ispariġġ ta' dawk fir-riskju tal-faqar; Kejl ieħor tal-faqar: il-faqar fost il-ħaddiema, familji bla xogħol; Dawk b'deprivazzjoni materjali estrema, AROPE skont l-età (il-faqar fost it-tfal, il-faqar fl-età tax-xogħol, il-faqar fost l-anzjani)	Indikaturi tas-segmentazzjoni (impjieg involontarju temporanju/ part-time, it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol (skont it-tip ta' kuntratt jew il-livell ta' ħlas; eċċ.)); Indikaturi ta' inugwaljanzi oħra f'LM (l-ispariġġ fil-punteġġ tal-litteriżmu (PISA)), l-ispariġġ fil-pagi bejn is-sessi, l-inugwaljanza fid-dħul (ħlief dawk bla xogħol)

Anness: Tabella indikattiva tal-indikaturi awżiljarji addizzjonali tal-impjiegi u soċjali fl-AMR

INDIKATURI	**Ir-rata ta' parteċipazzjoni (%)**	**Il-proporzjon tal-qgħad fit-tul (%)**	**Ir-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ (%)**	**Ir-rata ta' dawk fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali (AROPE) (%)**
Popolazzjoni fil-mira	Popolazzjoni fl-età tax-xogħol (15-64 sena)	Popolazzjoni attiva	Popolazzjoni attiva fl-istess grupp ta' età (15-24 sena)	Popolazzjoni totali
Sors tad-dejta/bidla	Il-Eurostat, LFS/il-livell u l-evoluzzjoni maż-żmien	Il-Eurostat, LFS/il-livell u l-evoluzzjoni maż-żmien	Il-Eurostat, LFS/il-livell u l-evoluzzjoni maż-żmien	Il-Eurostat, SILC/il-livell u l-evoluzzjoni maż-żmien
Ir-raġuni għall-indikatur	Dan jikkumplimenta r-rata tal-qgħad għax juri flussi sottostanti minn attività għal inattività u viċeversa. B'dan wieħed jista' jara diżinċentivi strutturali li ma jħajrux it-tiftix tal-impjiegi kif ukoll "effetti ta' skoraġġiment" ta' qgħad fit-tul, xogħol mhux dikjarat, impjieg f'settur informali u sottoimpjiegi agrikoli.	Dan jixħet l-attenzjoni fuq il-problemi strutturali fis-suq tax-xogħol, pereżempju in-nuqqas ta' tqabbil tal-kwalifiki, u l-problemi ta' insider-outsider. Dan juri anqas prospetti ta' impjieg mill-ġdid u aktar riskju li wieħed jispiċċa maqbud fil-qgħad.	Dan jagħti kejl tad-diffikultajiet li jsibu dawk li jidħlu fis-suq tax-xogħol kmieni u x'aktarx bi ftit kwalifiki; li wieħed jesperjenza żmien twil ta' qgħad kmieni fil-karriera tiegħu, jista' jħalli konsegwenzi fit-tul mil-lat ta' prospetti futuri ta' dħul u relazzjonijiet mas-suq tax-xogħol.	Indikatur aggregat li jiġbor kejl differenti tal-faqar
Indikaturi kumplimentari	n.a.	n.a.	In-NEET (ir-rata ta' żgħażagħ li mhumiex fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew f'impjieg mill-popolazzjoni totali fl-età bejn il-15 u l-24 sena)	Il-komponenti: ir-rata ta' dawk fir-riskju tal-faqar (AROP) li tiġbor il-faqar relattiv, ir-rata ta' deprivazzjoni materjali estrema li tiġbor il-faqar assolut, dawk li jgħixu f'dar b'intensità baxxa ta' xogħol

It-tisħiħ tal-monitoraġġ u s-sorveljanza tal-isfidi tal-impjiegi u soċjali fis-Semestru Ewropew